

ECHA/NA/12/27

# Mistoqsijiet u tweġibiet dwar it-tixrid u l-kunfidenzjalità tat-tagħrif tal-Iskeda ta' Dejta ta' Sigurtà

Aktar tagħrif dwar is-sustanzi kimiċi li normalment jinstab fl-Iskeda ta' Dejta ta' Sigurtà (SDS) sejjer ikun disponibbli għall-pubbliku fuq il-websajt tal-ECHA mill-ħarifa 2012. L-ECHA tippubblika dokument ta' mistoqsijiet u tweġibiet biex tippovdi dettalji minn qabel dwar it-tixrid u t-talbiet ta' kunfidenzjalità l-ġodda ta' tali tagħrif fil-IUCLID 5.4, u tħeġġeġ lir-reġistranti sabiex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-bidliet li ġejjin.

**Helsinki, 07 ta' Ġunju 2012** – It-tagħrif il-ġdid tal-SDS, li sejjer ikun disponibbli għall-pubbliku, jikkonċerna l-identitajiet tar-reġistranti ta' sustanza kimika, in-numru ta' reġistrazzjoni, indikazzjoni dwar jekk twettqitx valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika (CSA) u r-riżultati tal-PBT (sustanzi kimiċi Persistenti, Bijoakkumulattivi u Tossiċi) u valutazzjonijiet tal-pVb (Persistenza għolja u Bijoakkumulazzjoni għolja).

Id-dokument ta' mistoqsijiet u tweġibiet jipprovdi tagħrif dettaljat dwar il-partijiet il-ġodda li sejr in jixterdu, kif sejjer jiġi ippubblikat it-tagħrif u kif tista' tintalab kunfidenzjalità f'dossier tal-IUCLID 5.4. Id-dokument ta' mistoqsijiet u tweġibiet jindirizza wkoll mistoqsijiet speċifiċi relatati mat-tariffi assoċjati ma' talbiet ta' kunfidenzjalità, l-iskeda taż-żmien prevista u l-ħtieġa potenzjali li jiġu aġġornati d-dossiers ta' reġistrazzjoni. Jiċċara wkoll li l-użi tas-sustanza, l-użi mhux rakkomandati u l-potenzjal ta' espożizzjoni ġenerika sejr in jixterdu skont il-format il-ġdid tal-IUCLID.

Mit-tnedija tal-verżjoni l-ġdida ta' REACH-IT skedata għal Lulju 2012, il-kumpaniji ser ikollhom perjodu ta' tliet xhur biex jippreżentaw aġġornament tad-dossier ta' reġistrazzjoni tagħhom b'talbiet ta' kunfidenzjalità ġodda. Kun af li, meta dan ikun rilevanti, it-talbiet ta' kunfidenzjalità f'REACH isiru bi ħlas u sejr in jiġu vvalutati mill-ECHA. Verżjonijiet aġġornati tal-plug-ins ta' REACH għal IUCLID (TCC, plug-in ta' kalkolu tat-Tixrid u t-Tariffa) u l-manwali rilevanti sejr in ikunu disponibbli f'Lulju flimkien mal-aġġornament ta' REACH-IT. Il-plug-ins u l-manwali sejr in jgħinu lir-reġistranti sabiex jivverifikaw il-kompletezza, jaraw it-tagħrif imqassam minn qabel u jivvalutaw it-tariffa għal talbiet potenzjali ġodda ta' kunfidenzjalità.

L-ECHA qed tippjana li tidda tippubblika t-tagħrif tal-SDS mid-dossiers ippreżentati fil-format ta' IUCLID 5.4 fuq il-websajt tagħha minn Novembru 2012.

## Dejta b'volontarjetà

It-tagħrif li normalment jinstab f'SDS sejjer jixtered mid-dossiers ta' reġistrazzjoni kollha, indipendentement minn jekk is-sustanza kimika teħtieġx SDS jew le, sakemm it-tagħrif ma jiġix iddikjarat bħala kunfidenzjali. Jekk is-sustanza kimika ma teħtieġx SDS, jiġi ssopnut li r-

reġistrant joffri li jippubblika b'mod volontarju dan it-tagħrif, jekk ma jkunx immarkat bħala kunfidenzjali.

## **Aktar tagħrif**

**Mistoqsijiet u tweġibiet dwar it-tixrid u t-talbiet ta' kunfidenzjalità ta' tagħrif tal-Iskeda ta' Dejta ta' Sigurtà fil-IUCLID 5.4**

<http://echa.europa.eu/mt/support/faqs>

**Issa, IUCLID 5.4 huwa disponibbli (Avviż b'aħbarijiet 5 ta' Ġunju 2012)**

[http://echa.europa.eu/mt/view-article/-/journal\\_content/0aa0c0b2-8e88-40d7-9bdf-45ac65c2c351](http://echa.europa.eu/mt/view-article/-/journal_content/0aa0c0b2-8e88-40d7-9bdf-45ac65c2c351)

**ECHA se taġġorna REACH-IT u IUCLID 5 (Avviż b'aħbarijiet 11 ta' April 2012)**

[http://echa.europa.eu/en/view-article/-/journal\\_content/22c22fe1-f670-426f-903f-541586de45e7](http://echa.europa.eu/en/view-article/-/journal_content/22c22fe1-f670-426f-903f-541586de45e7)

**Websajt tal-IUCLID**

<http://iuclid.eu/>

**Helpdesk tal-ECHA**

<http://echa.europa.eu/mt/support/helpdesks/echa-helpdesk>